KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

TAS-SLIEMA

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 81

Il-wieħed u tmenin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 20 ta' Marzu 2018 fil-5pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kristian Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** | Michael Briguglio | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet fis-17.30 b'din l-Agenda:*

*81.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*81.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 79 u 80;*
*81.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*81.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*81.5 Rapporti ;*
*81.6 Nuqqas t' Attendenza ta' Kunsillier;*
*81.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u /jew Sotto Kumitat;*
*81.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;*
*81.9 Mozzjonijiet*
*Mixja ta' Protesta – Tables and Chairs -Proponent John Pillow u Sekondant Pierre Portelli ;*
*81.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 81.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

81.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera M. Briguglio, D. Muscat kif ukoll ta' P. Portelli biex jiġu skuzati minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li dawn il-Kunsilliera jigu registrati bħala Assenti b'Apologija.

## 81.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 79 U 80

81.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 79 tas-seduta tal-21 ta' Frar kif ukoll 80 tas-seduta tal-1 ta' Marzu, 2018 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

81.2.2 Dwar is-seduta numru 79, il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 79.8.4 u talab li ssir korrezzjoni u t-tielet frazi għandha tinqara kif ġej: 'La darba jkollna s-servizz tal-*contracts manager* ġdid dan ix-xogħol ta' *contracts manager* fuq *street lighting maintenance* jiġi inkluz f'kunratt wieħed'.

81.2.3 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 79. Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. *Approvazzjoni tal-minuti 79_21/02/2018*

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw fil-17.39*

81.2.4 Ma kien hemm ebda korrezzjoni għall-minuti tas-seduta numru 80. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 80. Il-Kunsillier P. Radmilli issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u *Approvazzjoni tal-minuti 80_1/03/2018*

Segretarju Ezekuttiv.

**81.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

81.3.1 Is-Sindku informa dwar punt 79.3.3 dwar il-laqgħa li kellha ssir mal-Onor. Owen Bonniċi rigward l-fondi għall-attivita SAF, li ġiet posposta għal darbtejn u l-laqgħa għada ma saritx. Is-Segretarju informa li din il-laqgha ser ssir mas-Sur Albert Marshall tal-*Malta Arts Council*. *SAF*

81.3.2 Dwar punt 79.3.4 dwar il-pubblikazzjoni 'Sliema Times' is-Sindku qal li jkun tajjeb li jinzamm kuntatt ma' dawk il-kontributturi li kellhu l-Kunsill għall-pubblikazzjoni tiegħu, biex jekk ikun hemm bzonn jiktbu huma wkoll dwar Tas-Sliema fi *Sliema Times*. *Pubblikazzjoni – Sliema Times*

81.3.3 Dwar punt 79.3.5, is-Sinkdu infoma li qiegħda tiġi koordinata laqgħa ma' l-*Hands On School of Film Makers* u kull min se jkun involut għall-uzu tax-xelter li jinsab fi Triq Dingli. *Xelter – Triq Dingli*

81.3.4 Dwar punt 79.3.8 is-Sindku informa dwar l-izviluppi tal-proġett li se jsir ix-Xatt u informa li minkejja li x-xogħol se jkun qiegħed isir minn diversi entitajiet, il-Kunsill se jkun qiegħed jgħin kif jista. Ix-xogħol, li issa ser jinkludi tqeghid ta' main gdid tal-ilma u tqeghid ta' pavimentar gdid fuq il-*promenade*, bi ħsiebu jibda fil-bidu t'April 2018. Ġie nnotat li l-area tax-Xatt hija mudlama u jkun tajjeb li l-Kunsill jitlob li jkun hemm aktar dawl. Il-Kunsillier J. Pillow propona li nkellmu lill-Ingineer tal-Enemalta u jsaqsi biex il-bozoz jkunu LEDs, ghalinqas temporanjament. *Xogħlijiet fit-toroq ix-Xatt*

81.3.5 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li l-kuntratt tal-*contracts manager* skada u qal li dan irid jieqaf u ma jistax jiġi estiz, saħansittra ikkonferma dan mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill ma qabilx li dan għandu jitwaqqaf la darba għadu ma ġiex aġġudikat ieħor. *Tenders*

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li issa ilu jitlob sabiex il-Kunsilliera inkarigati biex jiddiskutu l-i*specifications* ta' dan il-kuntratt jiltaqghu. Anke bghat emails f'dan ir-rigward. Izda il-Kunsilliera baqghu ma ftehmux dwar data u issa ghadna b'kuntratt skadut. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hemm bzonn li l-bord jiltaqa ħalli jkun jista joħroġ it-tender. Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li diġa hemm *specifications* mit-tender ta' qabel u l-Kunsill kull m'għandu jirrevedihom u jzid

magħhom f'kaz il-bzonn.

Is-Sindku qal li hemm bzonn tissejjaħ data u min jista jattendi. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li t-tender tal-iskart skada wkoll. Kien hemm qbil li l-Kunsillier P. Radmilli u Segretarju Ezekuttiv jiltaqgħu din il-ġimgħa stess. Ġie nnotat ukoll li t-tender tal-perit skada wkoll. Il-Kunsllier J. Pillow saqsa jekk dan it-tender hux se jieqaf ukoll. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li se jkompli fuq il-proġetti li jkunu ngħataw qabel ma skada izda mhux se jingħata xogħol fuq proġetti ġodda.

Fir-rigward tat-tender tal-*Accountancy Services* il-Kunsill ġie infurmat li ma kien hemm ebda appell u b'hekk ġie kkonfermat il-kuntratt gdid. Fuq din in-nota is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-*Audit* ġie pospost għal ftit jiem oħra.

## 81.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIER

81.4.1 Ġie nnotat meta l-Kunsill jiltaqa mal-*Environmental Consortium Landscapes* kif kien ġie deċiz fl-aħħar seduta, għandu jsemmi wkoll in-nuqqasijiet li qiegħed ikun hemm ukoll fil-Gnien Bonello Dupuis ta' Qui Si Sana. Is-Sindku qiegħed jinnota li hemm ħafna klieb li qegħdin iħammġu fuq it-*turf* u saqsa jekk jistax isir tip ta' *fencing*. Kien hemm qbil li din tiġi diksussa fil-laqgħa mal-ELC. Il-Kunsilliera L. Casar Shaw qalet la darba jsir il-*fencing* ikun tajjeb li jitwaħħlu tabelli li ħadd ma jista jħalli l-kelb iħammeġ u hemm bzonn li jkun hemm *enforcement* għal min jinqabad iħammeġ. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li ma jistghax jibqa jkun hemm aktar ħmieġ tal-klieb għaliex ikun hemm ħafna tfal li jpoġġu fuq it-*turf*. Kien hemm qbil li titwaħħal din it-tabella 'li ħadd ma jħalli l-kelb iħammeġ'. Kien hemm qbil ukoll li jsir *enforcement* la darba titwaħħal. *Laqgħa mal-ELC*

***Dan il-punt se jitkompla aktar tard f'din is-seduta.***

## 81.5 RAPPORTI

81.5.1 Ma kienx hemm aktar rappporti.

## 81.6 NUQQAS TA' ATTENDENZA TA' KUNSILLIER

81.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsillier D. Muscat se jkun falla ammont ta' laqgħat tal-Kunsill u skont il-liġi hu obbligat li jikteb lill-Ministru fejn jinforma jekk il-Kunsill jaqbilx li l-post tal-Kunsillier Muscat jigix kunsidrat bhala vakanti.

Kien hemm qbil mill-Kunsill li l-post ma jkunx kunsidrat vakant għall-Kunsillier D. Muscat għaliex r-raġuni li falla hija valida minħabba l-acciddent li kellhu. Il-Kunsill ħa l-opportunita biex jawgura fejqan ta' malajr lill-Kunsillier David Muscat u li jerġa jibda jattendi mill-aktar fis.

**81.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

81.7.1 Is-Sindku informa li s-Sibt kien hemm xi ħadd qiegħed jaħdem Triq Bisazza mingħajr permess tal-Kunsill. Is-Sindku fakkar li normalment il-Kunsill ma joħroġx permessi fi Triq Bisazza s-Sibtijiet.

Marru l-gwardjani lokali fuq il-post biex iħarkuh wara rapport tas-Segretarju Ezekuttiv, u dan wara li l-Kunsillier Portelli kien talbu jiehu azzjoni.

Il-Kunsill ġie infurmat li l-*contracts manager* tal-Kunsill kien jaf lill-ħaddiem u mar jgħid lil gwardjan fuq il-post li dan għandu permess, meta dan ma kienx minnhu.

Is-Sindku qal li talab iz-zewġ verzjonjiet bil-miktub biex il-Kunsill ikun jaf kif kien il-kaz kemm mil-*contracts manager* kif ukoll mil-gwardjani lokali. Iz-zewġ rapporti inqraw fis-seduta. Is-Sindku qal li l-iskop ta' dawn ir-rapporti huwa għax irid li jimxi b'mod korrett u jħalli l-gwardjani jagħmlu x-xogħol tagħhom.

Saret diskussjoni sħiħa jekk il-Kunsill għandux jieħu passi dixxiplinari fuq il-*contracts manager*. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li jekk il-kuntratt issa skada kif ġie diskuss ftit qabel f'din is-seduta, allura m'hemmx passi x'jistghu jittieħdu. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li kien ikun tajjeb li kieku dan il-punt tqajjem waqt id-diskussjoni li saret (punt 81.3.5) dwar it-*tender* tal-contracts manager. Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li l-Kunsill għadu ma ħa l-ebda deċizjoni dwar it-tender tal-contracts manager. Kien hemm qbil li s-seduta tiġi sospiza u jiġu diskussi l-*ispecifications* tat-tender

ghas-servizzi ta' contracts manager.

*Is-seduta ġiet sospiza fis-18.42 u kompliet fis-19.15*

81.7.2 Ġie deċiz li l-*ispecifications* tat-tender għal *contracts manager* jibqgħu l-istess, b'modifiki minuri, u t-tender jista joħroġ.

*Il-Viċi Sindku daħal għas-seduta fis-19.17*

81.7.3 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li għall-post vakanti ta' skrivana fil-Kunsill kellna biss persuna waħda li applikat u issejħet għall-*interview*. Kien hemm qbil li nitolbu l-kondotta tal-pulizija. F'kaz li din sodisfacenti, is-Sinj. Nicole Cutajar tista tibda mil-bidu ta' Mejju 2018. *Clerk*

81.7.4 Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar dwar il-grant ta' Ewro 15,000 dwar il-*bicycle lanes* u li l-Kunsill kellhu jirrevedi t-tender. Is-Sindku qal li Transport Malta se tkun qiegħda tagħmel rotot tar-roti f'parti sostanzjali ta' Tas-Sliema. Is-Sindku propona li l-Kunsill jista jagħmel il-*feeder* routes ghar-rottot li ser tghamel Transport Malta, u b'hekk ikun twessa il-progett ta' rotti ghar-roti gewwa il-lokal. *Bicycle routes*

La darba it-Transport Malta se jkunu qegħdin jagħmlu r-rotot ġenerali, kien hemm qbil li l-Kunsill juza l-fondi għall-ispejjez infrustrutturali kif ukoll għal *feeder routes*. Il-Kunsill għandu jinforma lid-DLG b'din il-bidla.

## 81.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIER

*Dan il-punt tkompla mil-bidu tas-seduta*

81.4.2 Il-Kunsilliera V. Galea Pace fakkret dwar in-nuqqasijiet li l-Kunsill ilu jiddiskuti min-naħa tal-kuntrattur dwar iz-zamma u l-manutenzjoni tal-lattrini pubbliċi. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill għad irid jiltaqa mal-kuntrattur. *Latrini pubbliċi*

81.4.3 Il-Kunsilliera M. Aquilina ġibdet l-attenzjoni li hemm bzonn ta' *power wash* fejn l-għassa tal-puliuzija (taħt it-taraġ). Is-Sindku qal li hemm bzonn li jsir ukoll mad-dawra tal-Kunsill u tal-iskola. Kien hemm qbil li dawn jsiru. *Powerwash*

81.4.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li hemm bzonn li niktbu lill-pulizija *Tieqa tal-Għassa*

għaliex il-persjana tal-Għassa stess qegħda perikoluża.

81.4.5 Il-Viċi Sindku saqsa dwar l-izviluppi fir-rigward tar-*Residential Parking Zones* u talab jekk din tistax tiġi diskussa f'seduta li jmiss. *RPZ*

Is-Sindku qal li huwa infurmat, wara li saret laqgħa mal-AKL, li għaddejjin diskussjonijiet mal-Gvern u AKL dwar it-*timed parking*, peress li l-Kabinet jidher li ghandu hsieb li jitneħħew min Malta kollha.

Il-President tal-AKL, is-Sur Mario Fava, qiegħed jipprova jgħin lil dawk il-Kunsilli li jridu t-*timed parking zones* u ghaldaqstant ltaqa maghna u talabna l-proposta taghna ghal-*timed parking zones* gewwa Tas-Sliema.

Is-Sindku qal li jista jkun hemm bzonn ta' tibdil min-naħa tagħna bħal li jkun maqsum f''zoni (kummerċjali, skejjel, residenzjali u d-dawra tax-Xatt). Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jekk hu l-kaz, l-AKL jinfurmawna bit-tibdiliet li jixtiequ jsiru, u l-Kunsill ikun jista jiddiskuti. Kien hemm qbil li ssir laqgħa bejn il-Kunsilliera għall-aktar diskussjoni dwar *zoning* u hinijiet relatati nhar l-Erbgħa 4 ta' April 2018 fl-4pm. Dawn ghandhom umbghad jintbghatu lura lis-Sur Fava.

81.4.6 Il-Viċi Sindku fakkar fl-ittra li kellhu jibgħat il-Kunsill lil dawk *Estate Agents* biex nitolbu għal *sponsorships* għall-ambjent isbaħ f'Tas-Sliema. *Get Sliema Greener*

81.4.7 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għax-xogħlijiet li qegħdin isiru fi Triq Guze Howard għaliex hemm problemi bir-rampi. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li dawn qegħdin skont l-*istandards* tat-TM u CRPD u għandu l-pjanti approvati. Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa biex dawn il-pjanti approvati jitilgħu fuq *facebook* għall-informazzjoni tal-pubbliku għaliex il-Kunsill qiegħed jaqla l-kritika meta dawn qegħdin skont l-*istandards*. Kien hemm qbil dwar dan. *Rampi – Triq Guze Howard*

81.4.8 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li ma' hemmx floodlights fuq iz-*zebra crossing* tas-Savoy. Il-Kunsill għandu jara dwar dan u japplika. *Floodlight – zebra crossing*

## 81.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

81.8.1 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għad-depozitu li sar lil Virtual Reality Studios Ltd dwar *photomontages* għall-proġett propost tal-*carpark.* Il-Kunsillier J. Pillow qal li x-xogħol għadu lura.

81.8.2 Dwar pagament numru 31 lill-Med Developers dwar l-ammont ta' Ewro 500 li jitħallas fix-xahar, l-Kunsillier Pillow qal li diga qbilna li dan it-tender skada u ghaldaqstant mandux jithallas aktar dan l-ammont. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Med Developers li l-kuntratt skada.

81.8.3 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagamenti ta' GO plc, u qal li jkun xieraq li nitolbu għal *sponsorship* ta' kemm jaqalgħu trinek u jkissru t-toroq. Kien hemm qbil dwar dan.

81.8.4 Il-Kunsill ġie infurmat li l-*contracts manager* ma ffirmax il-kont numru 40 fuq l-istess nuqqasijiet li tkellem dwarhom fir-rapport li ġie pprezentat fis-seduta ta' qabel. Ġie nnotat li n-nuqqasijiet baqgħu l-istess. Kien hemm qbil li dan il-pagament jinzamm *on hold u* issir laqgħa b'mod immedjat mal-kuntrattur.

*Il-Viċi Sindki ġie skuzat li jitlaq mis-seduta 20.48*

81.8.5 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-kontijiet. Il-Kunsilliera J. Pillow propona l-approvazzjoni. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil mill-Kunsill u l-pagamenti kollha (minbarra numru 40) ġew approvati. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

## 81.9 MOZZJONIJIET
## MIXJA TA' PROTESTA – TABLES AND CHAIRS – PROP. J. PILLOW U SEK. P. PORTELLI

81.9.1 Il-Kunsillier J. Pillow ressaq mozzjoni biex issir mixja ta' protesta għall-raġuni li l-pubbliku m'għadx fadallu aċċess fuq il-bankini minħabba l-imwejjed u s-siggijiet u l-platforms. Il-Kunsillier P. Portelli issekkonda din il-mozzjoni.

81.9.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet għaliex ma jsirux rapporti għal min qiegħed jabbuza qabel ma nagħmlu protesti. Il-Kunsillier J. Pillow qal li ilhom isiru diversi rapporti mal-pulizija u ma ittieħdet l-ebda azzjoni. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li l-mixja ssir in-naħa l-

oħra tal-*promenade*.

Is-Sindku qal li għalkemm jaqbel li hemm l-inkonvenjenza msemmija, jaqbel li l-mixja tkun forma ta' *awareness* u mhux ta' protesta, fejn tkun l-mixja organizzata tkun b'rapprezentanti mil-Kunsill tal-Gzira, Pulizija, CRPD, u mill-Għaqda tal-Għomja dan biex inwasslu l-messaġġ li l-bankina għandha tkun bla zgombru. Kien hemm qbil li ssir laqgħa ma dawn ir-rapprezentanti.

## 81.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

81.10.1 Is-seduta waqfet fid-21.30 ta` filgħaxija. Seduta oħra se ssir nhar l-Erbgħa 25 ta' April 2018 fis-6pm.

Minuti approvati llum 25 t'April, 2018

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |